



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 27.11.2020  
COM(2020) 763 final

2020/0337 (NLE)

Proposta għal

## **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt  
stabbilit permezz tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni  
Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim dwar Spazju tal-Avjazzjoni Komuni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova ("il-Ftehim")<sup>1</sup>.

### 2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### 2.1. L-Ispazju tal-Avjazzjoni Komuni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova

Il-Ftehim għandu l-għan li johlq Spazju Komuni tal-Avjazzjoni (CAA -Common Aviation Area) imsejjes fuq il-ftuħ tal-aċċess għas-swieq tal-Partijiet, b'kundizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni, u rispetta tal-istess regoli -inklużi fl-oqsma ta' sikurezza, sigurtà, ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, aspetti soċjali u l-ambjent. Ir-regoli tas-CAA għandhom ikunu bbażati fuq il-leġiżlazzjoni rilevanti fis-seħħ fl-Unjoni Ewropea, kif stabbilit fl-Anness III ta' dan il-Ftehim b'mod partikolari fir-rigward tas-sikurezza, is-sigurtà u l-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru.

Il-ftehim daħal fis-seħħ fit-2 ta' Awwissu 2020.

#### 2.2. Il-Kumitat Konġunt

Il-Kumitat Konġunt ġie mwaqqaf bl-Artikolu 22 tal-Ftehim. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun responsabbli mill-amministrazzjoni ta' dan il-Ftehim u għandu jiżgura l-implimentazzjoni tiegħu kif suppost.

Il-kompiti ewlenin tiegħu huma li jikkoopera billi: (a) it-twettiq ta' eżami mill-ġdid tal-kundizzjonijiet tas-suq li jaffettwaw is-servizzi tal-ajru skont il-Ftehim; (b) jindirizza u jsib l-aktar soluzzjoni effettiva għall-kwistjonijiet ta' "twettiq ta' negozju" li jistgħu, fost oħrajn, ifixklu l-aċċess għas-suq kif ukoll l-operat bla xkiel tas-servizzi koperti minn dan il-ftehim bħala mezz biex ikunu żgurati kundizzjonijiet ugwali u l-konverġenza regolatorja u biex jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż regolatorju minn fuq l-operaturi kummerċjali; (c) irawwem skambji fil-livell tal-esperti dwar inizjattivi u żviluppi leġiżlattivi jew regolatorji ġodda, inkluż fl-oqsma tas-sigurtà, tas-sikurezza, tal-ambjent, tal-infrastruttura tal-avjazzjoni (inklużi slots), tal-ambjent kompetittiv u tal-protezzjoni tal-konsumaturi; (d) jeżamina regolament l-effetti soċjali tal-Ftehim skont il-mod kif dan ikun qed jiġi implimentat, l-aktar fil-qasam tal-impjegi, u billi jiżviluppa tweġibiet xierqa għat-tħassib li jinstab li huwa leġittimu; (e) il-kunsiderazzjoni ta' oqsma potenzjali għall-iżvilupp ulterjuri tal-Ftehim, inkluż ir-rakkomandazzjoni ta' emendi għall-Ftehim; (f) jaqbel, abbażi ta' kunsens, fuq proposti, approċċi jew dokumenti ta' natura proċedurali li huma marbutin b'mod dirett mal-funzjonament tal-Ftehim; (g) jikkonsidra u jiżviluppa għajnuna teknika fl-oqsma koperti mill-Ftehim; u (h) irawwem il-kooperazzjoni fil-fora internazzjonali rilevanti.

Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 6 (Investiment) il-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu janalizza kwistjonijiet relatati ma' investimenti bilaterali ta' dritt ta' proprjetà maġġoritarju, jew ma' bidliet fil-kontroll effettiv tat-trasportaturi bl-ajru tal-Partijiet.

Skont l-Artikolu 22 (3) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta, b'deċiżjoni, ir-regoli ta' proċedura tiegħu.

---

<sup>1</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/951 tas-26 ta' Ġunju 2020 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova (ĠU L 212, 3.7.2020, p. 8).

### **2.3. L-att previst tal-Kumitat Konġunt**

Waqgħ l-ewwel laqgħa tiegħu, il-Kumitat Konġunt irid jadotta deċiżjoni dwar l-adozzjoni tar-regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt ("l-att previst").

Il-fini tal-att previst hi li, f'konformità mal-Artikolu 22(3) tal-Ftehim, jadotta r-regoli ta' proċedura li jirfdu l-organizzazzjoni tal-Kumitat Konġunt sabiex jippermettu l-implimentazzjoni u l-funzjonament tal-Ftehim.

### **3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI**

Jenhtiegħ li l-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni tkun immirata lejn l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim. Jenhtiegħ li l-pożizzjoni tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt.

### **4. BAŻI ĠURIDIKA**

#### **4.1. Bażi ġuridika proċedurali**

##### *4.1.1. Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*".

Il-kunċett ta' "atti li jkollhom effetti legali" jinkludi atti li għandhom effetti legali bis-saħħa ta' regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Dan jinkludi strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni".

##### *4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

Il-Kumitat Konġunt huwa korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri l-Ftehim dwar l-Ispazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova .

L-att li l-Kumitat Konġunt huwa mitlub jadotta huwa att b'effetti legali, peress li huwa vinkolanti skont id-dritt internazzjonali.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas ma jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Fid-dawl ta' dan, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

#### **4.2. Bażi ġuridika sostantiva**

##### *4.2.1. Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament fuq l-objettiv u fuq il-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun identifikabbli bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

##### *4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw it-trasport bl-ajru.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 100(2) tat-TFUE.

#### **4.3. Konklużjoni**

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 100(2) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

#### **5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST**

Minħabba li l-att tal-Kumitat Konġunt se jstabilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu, huwa xieraq li dan jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea wara li jiġi adottat.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/951<sup>1</sup> u daħal fis-seħħ fit-2 ta' Awwissu 2020.
- (2) L-Artikolu 22 tal-Ftehim jistabilixxi Kumitat Konġunt biex jiżgura l-amministrazzjoni u l-funzjonament korrett tal-Ftehim.
- (3) L-Artikolu 22(3) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt għandu jidotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.
- (4) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta tal-Ftehim, jenħtieġ li r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt jiġu adottati malajr kemm jista' jkun.
- (5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f' isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt, peress li d-deċiżjoni prevista tal-Kumitat Konġunt li tadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu se tkun vinkolanti għall-Unjoni. Jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 22 tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova, b'rabta mal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/951 tas-26 ta' Ġunju 2020 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova (ĠU L 212, 3.7.2020, p. 8).

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt jistgħu jaqblu ma' tibdiliet minuri fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*